



Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Notifika ta' dokumenti
Notifika ta' dokumenti

Latvja

L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmettituri

Ikklikkja fuq il-link hawn taħt biex tara l-awtoritajiet kollha kompetenti relatati ma' dan l-Artikolu.

Pajjiż: Latvja

Strument: Għoti ta' Dokumenti

Tip ta' Kompetenza: Aġenziji Trażmettituri

Instabet iktar minn qorti/awtorità waħda li hi kompetenti għal dan l-istrument legali abbażi tal-informazzjoni li pprovdajt. Issib lista hawn taħt:

Augstākā tiesa

Daugavpils tiesa (Daugavpīl)

Daugavpils tiesa (Krāslavā)

Daugavpils tiesa (Preiļos)

Kurzemes apgabaltiesa

Kurzemes rajona tiesa (Kuldīgā)

Kurzemes rajona tiesa (Liepājā)

Kurzemes rajona tiesa (Saldū)

Kurzemes rajona tiesa (Talsos)

Kurzemes rajona tiesa (Ventspīl)

Latgales apgabaltiesa

Rēzeknes tiesa (Balvos)

Rēzeknes tiesa (Ludzā)

Rēzeknes tiesa (Rēzeknē)

Rīgas apgabaltiesa

Rīgas pilsētas Latgales priekšpilsētas tiesa

Rīgas pilsētas Pārdaugavas tiesa

Rīgas pilsētas Pārdaugavas tiesa

Rīgas pilsētas Vidzemes priekšpilsētas tiesa

Rīgas pilsētas Vidzemes priekšpilsētas tiesa

Rīgas rajona tiesa (Jūrmalā)

Rīgas rajona tiesa (Rīgā)

Rīgas rajona tiesa (Siguldā)

Vidzemes apgabaltiesa

Vidzemes rajona tiesa (Alūksnē)

Vidzemes rajona tiesa (Cēsīs)

Vidzemes rajona tiesa (Gulbenē)

Vidzemes rajona tiesa (Limbažos)

Vidzemes rajona tiesa (Madonā)

Vidzemes rajona tiesa (Valkā)

Vidzemes rajona tiesa (Valmierā)

Zemgales apgabaltiesa

Zemgales rajona tiesa (Aizkrauklē)

Zemgales rajona tiesa (Bauskā)

Zemgales rajona tiesa (Dobelē)


Zemgales rajona tiesa (Jelgavā)

Zemgales rajona tiesa (Jēkabpīl)

Zemgales rajona tiesa (Ogrē)

Zemgales rajona tiesa (Tukumā)

L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Skont l-emendi għal-Liġi tal-Proċedura Ċivili tar-Repubblika Latvjana li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019, ġie introdott tibdil rigward in-notifiki ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji barranin fil-Latvja skont ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000. B'mod aktar speċifiku, il-korp ċentrali li jirċievi u jwettaq talbiet għan-notifiki ta' dokumenti barranin sar *Zvērinātu tiesu izpildītāju padome* (il-Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Maħlufa tal-Latvja). Barra minn hekk, ġiet stabbilita miżata ta' EUR 113.97 (VAT inkluż) għal kull talba għal notifika ta' dokument. Il-pagament irid isir permezz ta' trasferiment bankarju u kull kummissjoni tal-bank trid tiġġarrab mill-persuna li tħallas ir-rata fissa għan-notifika ta' dokument.

Il-korp ċentrali kompetenti huwa:

Zvērinātu tiesu izpildītāju padome (il-Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Maħlufa tal-Latvja)

Indirizz: Brīvības iela 82-3, Rīga, LV-1001, Latvia

Telefon: (+371) 67290005; Faks: (+371) 67290006

posta elettronika: documents@lzi.lv

Detalji tal-kont bankarju:

Nru tar-reġistrazzjoni: 90001497619

Indirizz reġistrat: Brīvības iela 82-3, Rīga, LV-1001, Latvija

Bank: Swedbank AS

IBAN: LV93 HABA 0551 0380 9674 2

Kodiċi Swift: HABALV22

Skop tal-pagament: dettalji tad-destinatarju

L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti


Fil-Latvja se jiġu aċċettati talbiet minn Stati Membri oħra għan-notifika ta' dokumenti u ċertifikati ta' notifika ta' dokumenti jekk jintbagħtu bil-posta.

Jistgħu jintbagħtu wkoll notifikati li jużaw il-formoli standard I-oħra msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz ta' mezzi oħra ta' komunikazzjoni li huma disponibbli għall-qorti Latvjana rilevanti.

L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I

Apparti l-Latvjan, fil-Latvja jiġu aċċettati wkoll formoli standard mimlija bl-Ingliż.

L-Artikolu 3 - Korp ċentrali

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Il-korp ċentrali huwa Zvērinātu tiesu izpildītāju padome (il-Kunsill tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Maħlufa tal-Latvja)

Indirizz: Brīvības iela 82-3, Rīga, LV-1001, Latvija

Telefon: (+371) 67290005; Faks: (+371) 67290006

posta elettronika: documents@lzi.lv

L-Artikolu 4 - Trasmisjoni tad-dokumenti

Fil-Latvja, talba għal notifika ta' dokumenti li tkun saret permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tiġi aċċetta jekk tintbagħat bil-Latvjan jew bl-Ingliż.

L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti

Skont l-Artikolu 56.1(1) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, meta d-dokumenti ġudizzjarji jintbagħtu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56, bl-eċċezzjoni tal-avveniment imsemmi fil-paragrafu (9) tiegħu, persuna titqies li tkun ġiet notifikata bil-ħin u bil-post ta' seduta tal-qorti jew azzjoni proċedurali, jew bil-kontenut tad-dokument rilevanti, u d-dokumenti ġudizzjarji jitqiesu li ġew notifikati:


- (1) fid-data li fiha l-persuna taċċettahom skont l-Artikolu 56(3), (7) jew (8) tal-Liġi;
- (2) fid-data li fiha l-persuna tirrifjuta li taċċettahom (l-Artikolu 57);
- (3) fis-seba' jum mid-dispaċċ tad-dokumenti, jekk jintbagħtu bil-posta;
- (4) fit-tielet jum mid-dispaċċ tad-dokumenti, jekk jintbagħtu bil-posta elettronika;
- (5) fit-tielet jum mid-dispaċċ, meta n-notifika ssir online.

Skont il-paragrafu (2) tal-Artikolu msemmi hawn fuq, kemm jekk id-dokumenti ġuridiċi jintbagħtu f'post ta' residenza ddikjarat ta' persuna fiżika, f'indirizz addizzjonali ddikjarat, f'indirizz li l-persuna fiżika tkun indikat għal komunikazzjoni mal-qorti jew f'uffiċċju rreġistrat ta' persuna ġuridika, kif ukoll jekk jiġi riċevut avviż ta' twassil mill-posta jew id-dokumenti jiġu rritornati, dan ma jaffettwax awtomatikament il-fatt li d-dokumenti jkunu ġew notifikati. Id-destinatarju jista' jiċċad il-preżunzjoni li d-dokumenti jkunu ġew notifikati fis-seba' jum mill-jum tad-dispaċċ jekk jintbagħtu bil-posta jew fit-tielet jum mid-dispaċċ jekk jintbagħtu bil-posta elettronika jew jiġu notifikati online billi jiċċita ċirkustanzi oġġettivi li jmorru lil hinn mill-kontroll tiegħu li jkunu pprekluduh milli jirċievi d-dokumenti fl-indirizz indikat.

L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat

Fil-Latvja, ċertifikat ta' notifika ta' dokumenti li jkun sar permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness I tar-Regolament jiġi aċċett jekk jintbagħat bil-Latvjan jew bl-Ingliż.

L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Fil-Latvja d-dokumenti jiġu notifikati skont l-Artikolu 11(2)(a) tar-Regolament, li hemm miżata ta' EUR 113.97 (VAT inkluż) għaliha li hija pagabbli għal kull talba għal notifika ta' dokument. Il-pagament irid isir permezz ta' trasferiment bankarju u kull kummissjoni tal-bank trid tiġġarrab mill-persuna li tħallas ir-rata fissa għan-notifika ta' dokument.

Detalji tal-kont bankarju:

Nru tar-reġistrazzjoni: 90001497619

Indirizz reġistrat: Brīvības iela 82-3, Rīga, LV-1001, Latvija

Bank: Swedbank AS

IBAN: LV93HABA0551038096742

Kodiċi Swift: HABALV22

Skop tal-pagament: dettalji tad-destinatarju

L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari

Il-Latvja topponi n-notifika ta' dokumenti skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament, ħlief f'każijiet li fihom id-dokumenti jkunu ġew notifikati lil ċittadini tal-Istat Membru inkwisjoni.

L-Artikolu 15 - Servizz dirett

Skont il-leġiżlazzjoni Latvjana, id-dokumenti ma jistgħux jiġu notifikati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament.

L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċeduri

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament, qorti jew imħallef fil-Latvja jista' jaqta' sentenza anke jekk ma jkun ġie riċevut l-ebda ċertifikat ta' notifika jew avviż ta' twassil, diment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament. Fil-Latvja, ma hemm l-ebda perjodu ta' żmien definit li warajh ma jibqgħux jiġu aċċettati rikorsi għal heġsien mill-effetti tal-iskadenza għall-appell, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament.

L-Artikolu 20 - Ftehimiet jew arranġamenti li tagħhom huma firmatarji l-Istati Membri u li huma konformi mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 20(2)

Ir-Repubblika tal-Latvja żżomm żewġ ftehimiet li kkonkludiet:

- (1) Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Polonja dwar l-assistenza legali u r-relazzjonijiet ġuridiċi fi kwistjonijiet ċivili, familjali u kriminali;
(2) Ftehim dwar l-assistenza legali u r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn ir-Repubblika tal-Lavja, ir-Repubblika tal-Estonja u r-Repubblika tal-Litwanja.

L-añħar aġġornament: 04/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.